**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SBATAX**

**19 ta' OTTUBRU, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**SKUŻATI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri nfurmat lill-Kumitat li tistax tattendi minħabba impenji familjari.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia presieda l-laqgħa.

**17.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

17.1.1 B'referenza għall-punt 16.1.1, iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat li hu tkellem mal-Kuntrattur fejn ġie nfurmat li hekk kif ilesti x-xogħol li għandu bħalissa fil-Coast Road, jibda x-xogħol meħtieġ f'Bubaqra.

17.1.2 Fir-rigward ta' punt 16.1.4 ic-Chairperson Pierre Farrugia qal li bħalissa jinsab fil-proċess li l-ktieb jaqilbu minn PDF għal word format, biex kif ilestieh jkun jista jsir l-editing fuqu.

17.1.3 Fir-rigward ta' punt 16.1.5 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jerġa jagħmel talba oħra fuq Triq il-Luq biex isiru double yellow lines man-naħa tal-garaxxijiet, u jikludi site

plan ta' dak li jrid eżatt il-Kumitat.

17.1.4 Ġew approvati l-minuti tas-sittax -il seduta ta' din il-leġislatura.

***17.2 Ilmenti u suġġerimenti***

17.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv fuq ittra li rċieva mingħand Transport Malta li ser tagħmel 1.5 metru keep clear quddiem bieb ta' Dar il-Kenn fi Triq Dun Nard Mallia, minħabba li r-resident tad-dar hu nieqes mid-dawl. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Transport Malta fejn jintalbu ċ-ċertifikat tal-mard tal-persuna, minħabba li ħadd mill-kumitat ma jaf li f'dik id-dar joqgħod xi ħadd nieqes mid-dawl.

17.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa meta ser isir ix-xogħol ta' patching bil-hot asphalt f'Bubaqra. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Kuntrattur u jingħata ċans sal-aħħar ta' Ottubru biex jagħmel ix-xogħol ordnat f'din is-sena. Jiġi infurmat ukoll li jekk tali xogħol ma jitlestix, il-Kumitat ikun kostrett li jagħti x-xogħol lil ħaddieħor.

17.2.3 Il-membru Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni li fi Vjal l-Indipendenza bejn Triq Fortunato Dalli u Triq Kalanġ Bugeja, xi ħadd qed iħalli knatan biex ma jipparkjawx quddiem plot.
Kien hemm qbil li jsir rapport l-għassa.

Il-membru Marylin Sammut ġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin, ir-residenti qed ipoġġu l-iskart tagħhom fil-kantuniera.

Kien hemm qbil li titwaħħal tabella biex ma jintefgħax skart.

***17.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

17.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-19.00 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' Novembru, 2015

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |